MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 2993/2002/1

**Carmen Camilleri**

**vs**

**Middlesea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Ottubru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Dicembru 2002 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm800 (tmien mitt Lira Maltin) bhala indenizz dovut lilha.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Din hija istanza fejn l-attrici qed titlob il-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghal hlas tas-somma ta’ tmien mitt lira (Lm800) bhala indennizz dovut lilha wara li avvera ruhu riskju li kien kopert minn polza ta` assikurazzjoni Nru.36/03663 mahruga mis-socjeta` konvenuta fir-rigward tal-vettura Nru. KAJ 227 propjeta` tal-attrici.

Inoltre, is-socjeta` konvenuta ghandha thallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Novembru 2002 u l-imghax legali b’effett mill-5 ta’ Novembru 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-ammont reklamat bhala l-valur tal-vettura KAJ 227 huwa esagerat kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Minghajr pregudizzju ghal permess, l-eccipjenti ma ghandiex tbaghti spejjes billi din il-vertenza ma gietx risolta esklussivament minhabba l-agir tal-attur fl-esigenza tieghu ghal-hlas ta’ ammont esagerat;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti inkluz in-noti ta’ osservazzjonijiet.

Ikkonsidra:
Illi l-azzjoni attrici hija wahda perenni li tissuciedi b' mod regolari bejn socjeta’ assiguratrici mill-assigurat taghha. Aktar iva milli le, specjalment meta bhala kaz simili jkun hemm distruzjoni tal-vettura u/jew tkun f' posizzjoni li mhux ekonomikament vjabbli li tigi riparata. Ma jkunx hemm qbil fuq l-ammont talvolta pagabbli lill-assigurat.

Illi jigi ribadit li r-relazzjoni li tirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom hija wahda 'ex contractu'. Jezizti kuntratt ta' assigurazzjoni li jipprovdi ghall-polza ta' assikurazzjoni tal-vettura. Huwa risaput li kuntratt ta' assikurazzjoni huwa

wiehed ta' 'uberrima fidei' li ghandhu jigi interpretat, attwat u moghti forza legali bl-ahjar intendiment u apprensjoni.

Illi jibda biex jinghad li z-zewg partijiet naqsu f' essenzjalita tal-istess kuntratt.

Jirrizulta li ai termini tal-istess polza a Fol 46, il-partijiet kienu tenuti li jirreferu din il-materja ghas-soluzzjoni taghha tramite arbitragg. (General Conditions- Art 10 Arbitration)

L-arbitragg huwa element vitali fil-kamp tal-assikurazzjoni, specjalment bejn iz-zewg partijiet kontraenti. Aktar u aktar illum f' era li qed jigu mfittxija alternattivi ghar-rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet u meta l-arbitragg sar mandatorju fil-kamp automobilistiku.

Illi l-partijiet ghazlu ma jirrikorrux ghal dan l-istitut u t-Tribunal ihoss li ma ghandhux jirrimetti lil-partijiet ghal– esekuzzjoni tal-arbitragg meta il-materja hija daqshekk matura ghad-decizjoni.

Illi l-istess polza ta' assikurazzjoni a Fol 41 tal-process tistabilixxi bejn il-partijiet dak li hu pagabbli mis-socjeta’ assiguratrici lill-assigurat taghha fl-eventualita ta' telf u/jew hsara, "the liability of the Company shall be limited to the reasonable market value of the Motor Vehicle immediately prior to the loss or damage but not exceeding the Insured's estimate of value stated in the schedule! (Section III, Art 1, para 3).

Illi l-crux tal-kwistjoni huwa precizament hawn- x' inhu dan il-valur u min kif ser jistabbilieh? L-attrici ossia l-assigurata tikkontendi li dan gja gie stabbilit a priori meta gie iffissat il-premium li jithallas fuq il-valur, imhallas mill-assigurata u ricevut mis-socjeta’ assiguratrici. Is-socjeta’ assikuratrici konvenuta tikkondandi illi l-valur huwa dak li jkun stabbilit wara sinistru u ossia fil-mument tas-telf soffert. Jigi stabbilit minn espert fil-materja tenut kont il-valuri li johorgu u jigu stabbiliti mill-assocjazzjoni tas-socjetajiet assikuratrici regolarment bhala guida fuq skala nazzjonali tal-valuri tal-vetturi li jkunu fit-triq u/jew fis-suq.-l-assigurat

tat il-fiat taghha u accettat il-kondizzjonijiet hemm kontenuti. Pacta sunt servanda. Kull parti trid tonera l-obbligi li dahlet ghalihom u ma tistax tinterpreta xi att/ommisjoni segwenti b' tali mod li tirrendi dak il-ftehim ineffikaci. Tkun haga ohra jekk ikun hemm ftehim bilaterali, li f' dan il-kaz ma jirrizultax. Il-fatt li gie stabbilit il-valur ta' tmien mija (Lm800) fil-polza jew fir-'renewal notice' ifisser li dak huwa l-ammont massimu talvolta pagabbli mis-socjeta’ konvenuta, u mhux l-ammont li ta' bilfors ghandhu jithallas. In- negozju tal-assigurazzjoni huwa negozju fejn l-assigurat jinghata servizz billi jigi kopert lilu riskju futuri potenzjali. Ma ghandhu jkun hemm l-ebda lukru da parti tal-assigurat f' kaz ta' telf/ hsara billi l-assikurazzjoni qieghda hemm biex taffettwa risarciment tal-istess telf/hsara f' dak il-'punctorum temporis'. Il-fatt li l-assigurat qed ihallas ammont ta' 'premium' fuq somma dikjarata ma jfissirx li ghandhu jkun hemm pagament ta' dik is-somma kollha izda f' hafna kazijiet tas-somma anqas ekwivalenti ghat-telf/hsara soffert mill-assigurat.

Illi l-fatt fis-somma dikjarata hija ta' tmien mitt Lira ma jfissirx li l-valur tal-vettura fil-mument tat-telfa taghha kagun ta' hruq kien ammontanti ghas-somma ta' tmien mitt Lira (Lm800). Kien dover tal-attrici li tipprova li effettivament il-valur ragjonevoli fis-suq fil-mument tat-telfa kien jammonta ghal tmien mitt Lira (Lm800). Hija sempliciment u unikament strahet fuq il-valur kif indikat fil-polza.

Illi da parti taghha, is-socjeta’ konvenuta bhala socjeta’ assiguratrici ppruvat il-valur ragjonevoli fis-suq tal-vettura attrici. Dana tramite s-surveyor li jkun espert fil-kamp tal-vetturi, u tramite il-famuzi valuri li jinghataw annwalment mill-assocjazzjoni tas-socjetajiet li joperaw fil-kamp tal-asikurazzjoni. Dawna huma guidi li jithaddmu b' mod regolari li ghandha forza ta' konswetudini f' dan il-kamp ta' negozju. Da part taghha, l-attrici ma ribaddietx din il-figura.

Jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta fis-sens li jilqa' it-talba attrici limitatament fis-somma ta' tlett mija (Lm300), u in vista li ma sar l-ebda

prova li sar depozitu tal-istess ammont taht l-awtorita tal-Onorabbli Qorti, bl-ispejjes u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta' konvenuta."

L-attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravju generali illi t-Tribunal wasal ghal konkluzjoni zbaljata kemm guridikament kif ukoll fattwalment. Hija tikkontesta lit-Tribunal il-fatt li dan injora certi provi u accetta l-istima tas-suq *ex post facto* s-sinistru kif bazat fuq *guidebook* u mhux minn xi *survey* antecedenti tal-vettura. Ghalhekk talbet li din is-sentenza tigi revokata;

Ghal dan l-aggravju s-socjeta` konvenuta irrispondiet billi fl-ewwel lok issollevat il-pregudizzjali ta' l-irritwalita` ta' l-appell. Fil-meritu hi tikkontendi li l-attrici ma setghetx tippretendi l-valur indikat fil-polza izda kellha toqghod ghall-patt kontrattwali relattiv ghar-*reasonable market value* tal-vettura prossimu ghat-telf subit;

Din il-Qorti ser telimina mill-ewwel il-pregudizzjali sottomessa in kwantu din, fil-fehma taghha, tikkontjeni spropozitu legali. Ghall-iskop tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380 u allura ghad-dritt ta' l-appell lil din il-Qorti, dak li jghodd hi s-somma reklamata fit-talba kontenuta fl-avviz u mhux id-differenza bejn dik is-somma u l-ammont offert jew stabbilit fis-sentenza apellata. Huwa aktar minn logiku illi l-appellanti qeghda permezz ta' l-appell interpost minnha tinsisti ghar-rizarciment shih tas-somma mitluba tant li qed tippretendi r-revoka tad-decizjoni. Fil-hsieb tal-Qorti dak li jiddetermina l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hi t-talba kontenuta fl-att promotur in kwantu din hi l-parametru li fih il-Qorti hi msejha biex tezercita l-gudizzju taghha u tiddeciedi dwaru. Difatti, l-artikolu tal-ligi surreferit jorbot id-dritt ta' l-appell ma' l-ammont in kwistjoni, eskluzi d-drittijiet u spejjez. Fil-kaz prezenti l-ammont in kwistjoni hu dak indikat fl-avviz, li dwaru kkontrovertew il-kontendenti, u nghata l-gudizzju, issa kkontestat. Kieku kellu jigi accettat

l-argoment tas-socjeta appellata d-dritt ta' l-appell kontemplat mil-ligi kien jigi stultifikat;

Mill-provi jirrizulta li l-appellanti kienet assigurat il-vettura taghha ghal bidu ma' l-Allied Insurance ghal liema aktar tard ssubentrat is-socjeta` appellata. Din l-assigurazzjoni saret fl-1995. Ara Proposal Form, fol. 35. Ghall-bidu wkoll il-valur dikjarat tal-vettura kien ta' Lm1000, eventwalment ridott ghal Lm300 pero`, fuq insistenza ta' l-appellata, l-valur gie iffissat ghal Lm800 u fuq din is-somma hallset il-*premium* korrispondenti. Jirrizulta li wara li l-vettura giet distrutta f' incendju s-socjeta` appellata baghtet lill-attrici *renewal notice* tal-polza fejn fiha gie indikat illi l-*present market value* kien dak ta' Lm720 (ara dokument a fol. 26). Irid jinghad li skond ix-xhud Victorio Laferla, Senior Executive mas-socjeta` appellata, sa elf lira l-*premium* li jithallas huwa l-istess, jigifieri "*minimum premium*" (fol. 77);

Fuq il-*claim* ta' l-attrici appellanti s-socjeta` konvenuta, fuq l-indikazzjonijiet tas-*surveyor* Omar Mifsud (fol. 71) inkarigat minnha, offrietilha kumpens ta' tliet mija u hamsin lira (Lm350). Ara ittra datata 27 ta' Awissu 2002 a fol. 25;

Il-kwestjoni bejn il-partijiet hija biss fuq il-kumpens dovut lill-attrici appellanti billi ma hemm ebda kwestjoni li l-vettura ma kienetx assigurata jew li l-polza ghal xi raguni kienet tiddifetta;

Mhux kontrovers illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa wiehed aleatorju in kwantu kif jinghad fl-Artikolu 964, Kodici Civili, dan jiddependi minn avveniment incert jew minn kontingenza. Dan riferibilment ghall-qliegh jew it-telf, ghaz-zewg partijiet jew ghal wahda minnhom. Ghalhekk jekk ma jkunx hemm l-alea jonqos l-element principali ta' dan il-kuntratt. Ara "**Joseph Micallef *nomine* -vs- Roman Vella**", Qorti Civili, Prim' Awla, 6 ta' April 1973;

Huwa kuntratt li jitqies validu meta jkun hemm il-“*consensus ad idem*” tal-partijiet (“**Lina Zerafa *nomine* -vs- Avv. Joseph Fenech *nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 30 ta’ Mejju 1980). Pero`, aktar minn kuntratti ohra, hu distingwibbli ghal fatt illi sostrat primarju tieghu huwa l-“*uberrima fides*”. Vide “**Michael Bertuello -vs- Victor Cordina *proprio et nomine***”, Appell Kummercjali, 11 ta’ Lulju 1994;

Premessa din l-introduzzjoni preliminari, bhal kull kuntratt iehor il-kontenut tieghu jartikola ruhu f’ sensiela ta’ proposizzjoniiet jew klawsoli li flimkien jaghtu unita precettiva lin-negozju guridiku. Huwa ghalhekk ukoll illi l-Kodici Civili fl-Artikolu 992 jiddixxiplinah u, anzi jiddefinih, bhala ligi bejn il-partijiet kontraenti, u allura jobbliga mhux biss ghal dak li jinghad fih izda ukoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi (Artikolu 993);

Fil-kaz in ezami l-vettura *de quo* kienet assigurata taht polza li taghti kopertura ghal “*third party, fire and theft*”. Fiha jinghad *expressis* illi fil-kaz ta’ telf jew hsara tal-vettura assigurata, “il-hlas hu limitat ghall-valur ragonevoli fis-suq tal-vettura immedjatament qabel it-telfa jew hsara, bla ma jaqbez l-istima moghtija mill-assigurat kif tidher fl-Iskeda” (Taqsima III tal-Polza, fol. 54)

Dan il-patt jenuncja l-principji ta’ l-indennizz li ghandu jigi korrispost mill-assiguratur. Huwa kjarament desumibbli minnu illi kull konsegwenza patrimonjali negattiva ghall-attrici appellanti trid tigi kalkolata skond parametri objettivi tas-suq fil-mument tas-sinistru. Minn dan huwa evidenti bosta illi l-valur ta’ affezzjoni li wiehed jista’ jkollu fir-rigward tal-haga assigurata mhux rizarcibbli;

F’ dan ma hemm xejn gdid li ma nsibuhx f’ certi disposizzjonijiet generali stabbiliti fil-Kodici Civili relattivi ghar-rizarciment tad-dannu. Disposizzjonijiet intizi biex jiddeterminaw il-kwantum u l-forma tar-rizarciment. Ad

ezempju, l-Artikoli 1135 sa 1138 ta' l-imsemmi Kodici. Minnhom hu kjarament ovvju illi funzjoni primarja ta' l-obbligazzjoni ta' rizarciment hi l-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u tar-restawr, almenu *par equivalent*, tal-qaghda antecedenti ghall-fatt. Dan f' somma li tekwipara l-valur reali ta' l-utilitajiet mitlufa jew ta' l-oggett distrutt. Ara a propozitu "**Antonio Zammit -vs- Mario Calleja**", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977;

Issa f' dan il-kaz l-indenniz offrut jidher li kien in korrispondenza ma' l-adempiment tal-patt tal-kuntratt. Dan hu sostenut mix-xhud Omar Mifsud u korraborat mid-dokumenti minnu esebiti (fol. 68 sa fol. 70). L-attrici appellanti naturalment kienet insodisfatta bis-somma offerta ghax ghaliha l-vettura kellha valur aktar gholi. Kien jinkombi fuqha li tiddemostra b' mod konvincenti illi fil-mument antecedenti ghall-hruq u d-distruzzjoni taghha l-vettura verament kienet tiswa l-valur pretiz minnha. Ma kienx bizzejjed li hi tistrieh fuq il-valur indikat fir-*renewal notice* jekk fir-realta` dak ma kienx il-veru *market value* tal-karozza. Il-patt espress, li ghalih hi stess issottoskriviet, ma jorbotx il-valur ma' din il-proposizzjoni izda mal-<u>valur ragonevoli fis-suq</u>. Li jfisser li l-assigurazzjoni kienet tenuta tirrizarcixxi t-telf subit minnha fil-limiti stabbiliti mill-kuntratt. U dan ir-rizarciment kellu jkun wiehed komputat oggettivament u mhux soggettivament;

Ferma din il-konsiderazzjoni, il-Qorti thoss li b' sens ta' gustizzja u tad-dritt ekwitattiv l-ammont li ghandu jigi rizarcit lill-appellanti ghandu jkun dak ta' tliet mija u hamsin lira (Lm350) anke ghaliex kienet din is-somma li volontarjament giet offerta lilha mis-socjeta` assiguratrici konvenuta, permezz ta' l-ittra tas-27 ta' Awssu 2002 (fol. 25).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tichad l-appell interpost b' dan illi s-somma rizarcitorja li ghandha tithallas lill-appellanti ghandha tkun korrispondenti ghas-

somma offerta ta' tliet mija u hamsin lira Maltija (Lm350), bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.  L-ispejjez tal-prezenti procedura ghandhom jitbatew mill-appellanti. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------